# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 56**

**Rikors numru 12/18/1 JPG**

**Mark Anthony Portelli**

**v.**

**Norman Zammit**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-imħarrek Norman Zammit minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Lulju, 2018 (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "is-sentenza appellata"), li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra laqgħet it-talba tal-attur Mark Anthony Portelli li tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smigħ, u wara li sabet li Norman Zammit huwa debitur ta' Mark Anthony Portelli fl-ammont

ta' tletin elf ewro (€30,000), ikkundannatu sabiex iħallas dik is-somma lill-attur, flimkien mal-imgħax legali mid-data tan-notifika tar-rikors maħluf, u dan flimkien mal-ispejjeż kollha tal-proċeduri;

2. L-Ewwel Qorti immotivat id-deċiżjoni tagħha billi ikkunsidrat b'dan il-mod:

> *"Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;*
>
> *Semghet ix-xhieda bil-gurament;*
>
> *Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;*
>
> *Rat illi minkejja li kien debitament notifikat, meta ssejhet il-kawza fl-udjenza tal-Erbgha 27 ta' Gunju, 2018 l-intimat baqa' ma deherx. Lanqas ma deher fl-udjenza tat-12 ta' Lulju, 2018;*
>
> *Ikkonsidrat;*
>
> *Il-Qorti rat illi minkejja li l-intimat gie debitament notifikat permezz tal-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali wahda bil-lingwa Maltija, la hu u lanqas rapprezentant tieghu ma deher quddiem din il-Qorti sabiex jirrispondi ghat-talbiet tar-rikorrenti.*
>
> *Il-Qorti rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Gunju 2018, Dr. James D'Agostino bil-gurament xehed a fol 48 u kkonferma illi s-somma ta' €30,000 mitluba fir-rikors promotur ghadha dovuta minn Norman Zammit, peress li l-ebda ammont ma thallas fil-mori tal-proceduri;*
>
> *Il-Qorti rat l-Artikoli 167 et seq. tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*
>
> *Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-Artikolu 167 et. seqquens tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;*
>
> *Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Promotur jirrizultaw ippruvati, taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:–*
>
> > *1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddeciedi l-kawza bid-dispenza tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kapitolu 12;*
> >
> > *2. Tiddikkjara illi intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta' tletin elf ewro (€30,000) u;*

> *3. Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimat sabiex ihallas is-somma ta' tletin elf ewro (€30,000) lir-rikorrenti, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat.*
>
> *Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat*";

3. Norman Zammit (minn issa 'l hemm imsejjaħ bħala l-appellant) ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza, u għar-raġunijiet li tfissru f'rikors imressaq minnu fl-1 ta' Awwissu, 2018[1], talab lil din il-Qorti sabiex: *"[t]ilqa' l-aggravju [...] peress li l-appellant ma ġiex notifikat skont il-liġi u tgħaddi biex kwindi tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti nhar it-12 ta' Lulju, 2018, u tordna li l-atti jerġgħu jiġu rinvijati lura lill-ewwel Qorti biex din tipproċedi bis-smigħ tal-kawża wara li l-att promotur ikun ġie ritwalment notifikat lill-appellanti skont il-liġi, salv dawk il-provvedimenti u dikjarazzjonijiet illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi"*;

4. B'risposta mressqa fis-16 ta' Novembru, 2018,[2] Mark Anthony Portelli (minn issa 'l hemm imsejjaħ bħala "l-appellat") fisser għalfejn l-ilmenti tal-appellant mhumiex mistħoqqa u għalaq billi talab lill-Qorti sabiex tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant;

5. Inżamm smigħ quddiem din il-Qorti fit-22 ta' Frar, 2022 u dakinhar l-avukati tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhom xejn xi jżidu aktar ma' dak li

[1] F'paġni 58 sa 78 tal-proċess.
[2] F'paġni 82 sa 130 tal-proċess.

hemm diġà fl-atti;

6. Il-Qorti wara li qieset dan kollu u rat l-atti kollha tal-kawża, hija issa f'qagħda li tgħaddi għas-sentenza;

***Ikkunsidrat**:*

7. L-aggravju tal-appellant huwa wieħed u jikkonsisti fl-argument li l-attur appellat ma ħarisx dak li huwa mitlub mil-liġi dwar in-notifika tar-rikors promotur li bih inbdiet din il-kawża u li, b'konsegwenza ta' hekk, huwa safa mċaħħad milli jidher quddiem l-Ewwel Qorti u jiddefendi l-interessi tiegħu;

8. B'mod aktar speċifiku, l-appellant qiegħed jilmenta mill-fatt li meta l-attur appellat ġie biex jinnotifikah bl-att promotur u bl-avviż tas-smigħ, dan wettaq tentattiv wieħed biss fi tliet indirizzi differenti li m'għandhomx rabtiet miegħu. Jissottometti li l-interpretazzjoni t-tajba tal-Artikolu 187 tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta, titlob li wara li jkun hemm riferta negattiva, isir tentattiv ieħor ta' notifika f'dak l-istess indirizz u dan wara l-ħin legali. Jisħaq li huwa biss wara li din tal-aħħar terġa' tiġi negattiva li wieħed imbagħad jista' jirrikorri għall-mezz tan-notifika bil-pubblikazzjoni u affissjoni li, fi kliemu, hija proċedura straordinarja li għandha ssir b'kawtela kbira, għaliex jekk ma ssirx bil-mod mitlub mil-liġi tkun qiegħda tirfes fuq il-jedd ta' smigħ xieraq;

9. Jilmenta li f'dan il-każ, l-attur appellat ma mexiex ma' dak li titlob il-liġi, u dan mhux biss għaliex l-affissjoni twettqet fuq indirizz li dwaru kienet inħarġet biss notifika waħda u dan wara l-ħin legali, iżda wkoll għaliex l-attur appellat kien jaf li l-indirizz indikat minnu għall-affissjoni ma kienx il-lok ta' fejn kien jgħix. Dwar dan, l-appellant jgħid li l-attur appellat kien jaf sewwa li huwa kien ilu joqgħod fl-indirizz: *'Verdala, Flat 27, Il-Qasam ta' San Ġorġ, San Ġiljan, Paceville',* sa mis-sena 2016, u dan anke għaliex l-attur stess kien imur iżuru hemmhekk b'mod regolari. Filwaqt li jistqarr li huwa għamel xi żmien jgħix fil-fond li fih saret il-proċedura tal-affissjoni, jissottometti li huwa għex hemmhekk għal sena waħda biss bejn it-22 ta' Settembru, 2015, sat-22 ta' Settembru tas-sena 2016, u dan kif jidher mill-kuntratt ta' kera li huwa hemeż flimkien mar-rikors tal-appell[3]. Dwar dan, jirriferi wkoll għal dik li jsejħilha bħala "l-aħħar irċevuta tal-istess kirja" li hemeż ukoll flimkien mar-rikors tal-appell[4];

10. Fid-dawl ta' dan, jagħlaq billi jgħid li huwa tal-fehma soda li f'dan il-każ jeżistu l-estremi meħtieġa li għandhom iwasslu għat-tħassir tas-sentenza appellata, u dan biex b'hekk il-kawża tkun tista' tiġi deċiża wara li jinstemgħu l-provi kollha, speċjalment għaliex huwa diġà ħallas lill-attur, u li saħansitra huwa l-attur stess li huwa debitur tiegħu;

---

[3] Ara 'Dokument NM1', f'paġni 70 sa 77 tal-proċess.
[4] Ara 'Dokument NM2', f'paġna 78 tal-proċess.

11. Fuq ix-xaqliba l-oħra, l-attur appellat qiegħed jilqa' għal dan kollu fuq is-saħħa ta' għadd ta' argumenti. Jibda biex jiġbed l-attenzjoni ta' din il-Qorti li l-appellant mhux biss ressaq dan l-appell, iżda wkoll ressaq proċedura għar-ritrattazzjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 811(b) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jargumenta li dan wassal għal stat ta' konfużjoni billi l-appellant nieda żewġ proċeduri differenti li ma joqogħdux ma' xulxin u dan biex jattakka s-sentenza appellata;

12. Fil-mertu, l-appellat jiċħad li l-appellant sar jaf bis-sentenza appellata b''kumbinazzjoni', u jissottometti li l-konsulent legali tal-appellant kienet taf bil-kawża ferm qabel ma ngħatat is-sentenza appellata. Kemm hu hekk, jgħid li kienet l-istess avukat li avviċinat lill-konsulent legali tiegħu u tarrfitlu li kienet taf b'dawn il-proċeduri. Jargumenta li, f'ċirkostanzi bħal dawn, l-appellant ma jistax jitwemmen li huwa ma kienx jaf bil-proċeduri ta' quddiem l-ewwel Qorti, u jissottometti li la kien jaf bil-kawża, huwa messu deher fiha, speċjalment jekk huwa kellu eċċezzjonijiet validi x'jagħti;

13. Sa fejn imbagħad qiegħed jiġi mixli mill-appellant li huwa abbuża mill-proċedura tan-notifika meta nqeda bl-indirizzi li kien jaf li huma 'ħżiena', l-appellat, filwaqt li jiċħad dan b'ċertu qawwa, ifisser kif u għalfejn huwa ħareġ in-notifiki fi tliet indirizzi differenti u sewwasew dawk bl-indirizz ta': (i) *'Tal-Qarqoċċu', Triq Jules Verne, San Pawl tat-Tarġa',* u (ii) *'Oyster Court, Flat 6, Triq il-Faqqiegħ, Attard',* u (iii) *'12, Navarrin, Triq*

*Karm Galea, Tas-Sliema'.* Dwar dak tal-ewwel, l-appellat ifisser li huwa ħareġ in-notifika f'dak l-indirizz għaliex l-appellant huwa azzjonist fil-kumpanija bl-isem ta' '*Touchstone Limited'*, u li skont ir-reġistru tal-kumpaniji, l-indirizz tal-appellant huwa dak ta' San Pawl tat-Tarġa[5]. Dwar dak tat-tieni (Ħ'Attard), l-appellat imbagħad ifisser li huwa ħareġ notifika f'dak l-indirizz billi l-appellant huwa wkoll direttur u rappreżentant legali tal-kumpannija *'Oyster Properties Limited',* u li skont ir-reġistru tal-kumpaniji, l-indirizz tal-appellant huwa dak ta' *'Oyster Court, Flat 6, Triq il-Faqqiegħ, Attard'*[6]. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-indirizz ta' Tas-Sliema li fuqu saret l-affissjoni, l-attur appellat ifisser li huwa kien sar jaf bl-indirizz ta' Maria Amman Mian, li hija wkoll direttur tal-kumpanija *'Quintin Investments Limited',* u li fi kliemu "x'aktarx kienet is-sieħba tal-istess appellant". Jgħid li skont ir-reġistru tal-kumpaniji, l-indirizz ta' din tal-aħħar huwa *'12, Navarrin, Triq Karm Galea, Sliema'*[7] u peress li għalih kien jagħmel sens li l-appellant kien qiegħed jgħix flimkien mas-sieħba tiegħu huwa 'kompla jinsisti' fuq dan l-indirizz. Iżid li minn tfittixija li għamel fuq ir-reġistru elettorali tas-sena 2017, jirriżulta wkoll li l-konvenut appellant baqa' rreġistrat fuq l-indirizz: '*12, Navarin, Triq Dun Karm Galea, Tas-Sliema*'[8], u fid-dawl ta' dan kollu jargumenta li huwa ma setax jagħmel aktar milli għamel;

---

[5] Ara 'Dok Ċ', f'paġna 112 tal-proċess.
[6] Ara 'Dok Ġ', f'paġna 126 tal-proċess.
[7] Ara 'Dok D', f'paġna 116 tal-proċess.
[8] Ara 'Dok H', f'paġna 130 tal-proċess.

14. Mil-lenti legali, l-appellat imbagħad jargumenta li l-liġi dwar in-notifiki ma tgħidx li għandu jkun hemm numru ta' notifiki fl-istess indirizz. Iżid li l-liġi lanqas ma titlob li meta ssir l-affissjoni, din għandha titwettaq f'kull indirizz li jkun intuża għall-għanijiet tan-notifika. Jgħid ukoll li l-liġi lanqas ma titlob li għandu jkun hemm numru speċifiku ta' tentattivi ta' notifika qabel ma tkun tista' tintuża l-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni kif misjuba fl-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. B'rabta ma' dan, jissottometti li l-Artikolu 187(3) huwa ċar u juri li l-proċedura bil-pubblikazzjoni u affissjoni tista' tintuża kull meta mir-riferta jirriżulta li l-aċċess għall-indirizz mhux possibbli u li l-affissjoni għandha ssir fl-indirizz magħruf. Jgħid li huwa hekk għamel f'dan il-każ, u dan għaliex huwa ħareġ l-affissjoni fuq l-indirizz li seta' jiġi meqjus minnu bħala l-aħħar indirizz magħruf tal-appellant. Jissokta billi jgħid li fil-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern kif ukoll fiż-żewġ pubblikazzjonijiet fil-ġurnali lokali, huwa wera t-tliet indirizzi li kienu magħrufa lilu, u filwaqt li jiċħad li huwa kien jaf li l-appellant kien qiegħed jgħix fl-indirizz imsemmi fir-rikors tal-appell, itenni li fiċ-ċirkostanzi huwa għamel dak kollu li jista' jitqies li kien possibbli fil-limiti tiegħu biex in-notifika tal-appellant bl-atti tal-kawża ssir b'mod effettiv;

15. Fid-dawl ta' dan kollu, jargumenta li kemm dan l-appell, kif ukoll il-proċedura ta' ritrattazzjoni huma biss manuvri bil-għan li jtawlu l-proċess ġudizzjarju sabiex idum aktar ma jieħu dak li qiegħed jirreferi għalih bħala 'bi dritt tiegħu'. Jinsisti li dak kollu li għamel huwa skond il-liġi, u

jikkonkludi billi jgħid li kull min jaħrab in-notifiki jirriskja li 'jinstamat' bil-proċedura tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta;

16. Din il-Qorti tqis li l-qofol tal-kwistjoni li trid tistħarreġ f'dan l-appell iddur madwar is-siwi tan-notifika tar-rikors maħluf li bih inbdiet il-kawża li wasslet għas-sentenza appellata. Il-Qorti tqis li jkun xieraq billi tibda biex tfakkar dak li ilu jiġi mgħallem għal snin twal u sewwasew li d-dispożizzjonijiet tal-proċedura għandhom jiġu "*osservati alla lettera e non per equipollens*"[9]. Huwa mifhum li dan il-prinċipju għandu jiġi applikat b'aktar qawwa fil-każ tan-notifika ta' atti li bihom jinbdew il-kawżi, u dan għaliex l-għan wara n-notifika ta' atti bħal dawk huwa li l-parti mħarrka tkun taf bl-azzjoni li nbdiet kontriha u biex, jekk ma tkunx taqbel mal-pretensjonijiet tal-parti attriċi, tkun tista' tiddefendi ruħha bil-mod ta' kif tippermetti l-liġi[10]. Dan jgħodd aktar u aktar f'kawżi li fihom ikun hemm talba sabiex il-Qorti tgħaddi għall-ġudizzju bid-dispensa tas-smigħ skont l-Artikolu 167 tal-Kap. 12, li fih innifsu jitlob ukoll lill-Qorti biex timxi mal-proċedura mfassla fil-liġi u dan '*ad unguem*'[11];

17. Bilkemm hemm għalfejn jingħad li l-proċedura dwar in-notifika ta' atti ġudizzjarji hija regolata bid-dispożizzjonijiet speċifiċi fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u allura is-siwi tan-notifika jista' jiġi

[9] Kollez. Vol. **XVII P I, paġ 879**.
[10] App. Ċiv. (Inf.) PS **30.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Chetcuti v. Hafida Mimi***
[11] App. Ċiv **20.1.2022**, fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Snoussi v. Carmel Grixti***

żgurat biss jekk issir bil-mod kif mitlub fil-liġi[12]. Tabilħaqq, ingħad kemm-il darba minn din il-Qorti li, f'materja teknika bħalma hija s-siwi tan-notifika, il-Qorti għandha tħares bir-reqqa lejn dak li tgħid il-liġi dwar il-proċedura preskritta tan-notifiki[13]. Fi kwistjonijiet ta' din ix-xorta, huwa għalhekk meħtieġ li l-Qorti tiżgura li tifli sewwa s-siwi tan-notifika, għaliex fin-nuqqas ta' tħaris tal-proċedura mitluba mil-liġi, il-preġudizzju li ġġarrab il-parti milquta jkun wieħed illi jħalli konsegwenzi serji fuq is-sehem tagħha fil-kawża u jmiss mal-qalba tal-prinċipju fondamentali tas-smigħ xieraq[14];

18. Issa li ngħad dan kollu, il-Qorti tqis li l-pass li jmiss huwa li ssir referenza lejn l-atti biex naraw jekk bil-mod u manjiera li mexa biha l-appellat, ħarisx dak kollu li huwa mitlub minnu bl-Artikolu 187 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

19. F'dan ir-rigward, minn ħarsa lejn ir-rikors maħluf li bih inbdiet din il-kawża, il-Qorti rat li fuq dak l-att l-attur appellat niżżel żewġ indirizzi, li huma: *"1) Oyster Court, Flat 6, Triq il-Faqqiegħ, Attard,"* u *"2) Tal-Qarqoċċu, Triq Jules Verne, San Pawl tat-Tarġa"*[15]. Jirriżulta li r-riferta ta' dawn iż-żewġ notifiki kontestwali waslet lura fin-negattiv[16], u dan

[12] P.A PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Tonna v. Holland u Hallett Limited***
[13] App. Ċiv. **17.3.2021** fil-kawża fl-ismijiet ***Middle Sea Insurance p.l.c. v. Francis Chetcuti et.***; u P.A. MCH **25.6.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Ian Pace v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud***
[14] P.A. JRM **31.1.2001**, fil-kawża fl-ismijiet ***L-Avukat Dottor Hugh Peralta noe v Unispeed Shipping & Forwarding Limited***
[15] Ara r-rikors maħluf, f'paġna 3 tal-proċess.
[16] Ara wara tal-paġna 11 tal-proċess.

għaliex filwaqt li dwar l-indirizz ta' Ħ'Attard, il-marixxal Charles Buttigieg stqarr li huwa mar f'dak l-indirizz fid-29 ta' Jannar, 2018, fl-10:30 ta' filgħodu u qalulu li l-konvenut ma joqgħodx hemmhekk għaliex dak l-appartament kien mikri lil taljan u lil bulgaru, dwar l-indirizz l-ieħor, u sewwasew dak ta' San Pawl tat-Tarġa, il-purtier Saviour Falzon stqarr li huwa mar fl-indirizz mogħti fil-25 ta' Jannar 2018, però ma sabx l-isem tal-post fit-triq imsemmija[17];

20. Ftit tal-jiem wara li daħlu r-riferti msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan, u sewwasew fil-15 ta' Frar, 2018, inżamm smigħ quddiem l-ewwel Qorti, u wara li l-avukat tal-attur appellat avża lil dik il-Qorti li Norman Zammit baqa' ma ġiex notifikat, talab lill-Qorti sabiex tawtorizzah "*li jipproċedi b'notifika wara l-ħin legali u f'każ ta' eżitu negattiv jipproċedi b'notifika ta' affissjoni u pubblikazzjoni*"[18]. Kif jirriżulta mill-*verbal* ta' dik is-seduta, l-Ewwel Qorti laqgħet dik it-talba[19] u fid-19 ta' Frar 2018, l-attur ħareġ notifika wara l-ħin legali fl-indirizz ta': '*12, Navarrin, Triq Karm Galea, Sliema*'[20];

21. Wara li fis-27 ta' Frar 2018, il-marixxal John Francica ċċertifika li fil-jum ta' qabel huwa kien mar fuq il-post f'Tas-Sliema fil-ħin tal-20:47p.m, u li ma kien fetaħlu ħadd[21], fil-15 ta' Marzu, 2018 l-attur appellat mexxa

---

[17] *Ibid.*
[18] Ara l-*verbal* tas-seduta tal-15 ta' Frar, 2018, f'paġna 13 tal-proċess.
[19] *Ibid.*
[20] Ara l-*'folder'*, f'paġna 14 tal-proċess.
[21] Ara t-timbru tal-marixxal John Francica, fuq wara ta' paġna 14 tal-proċess.

bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni, u bħala postijiet li fihom kellha ssir l-affissjoni niżżel: (i) '*12, Navarrin, Triq Karm Galea Sliema*'; (ii) il-Kunsill Lokali Tas-Sliema, u (iii) l-għassa Tas-Sliema[22]. Skond kif muri fit-timbri tal-marixxall John Francica, l-affissjoni f'dawn il-postijiet saret fl-istess jum tat-28 ta' Marzu, 2018[23]. L-għada, 29 ta' Marzu saret il-pubblikazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern[24] biex imbagħad, fis-26 ta' April, 2018 u fit-28 ta' Mejju 2018, saret pubblikazzjoni f'ġurnal lokali fl-ilsien Malti[25] u f'ġurnal lokali ieħor fl-ilsien Ingliż[26] rispettivament. Jirriżulta mbagħad li nżamm smigħ mill-Ewwel Qorti fis-27 ta' Ġunju, 2018, li fih deher biss l-avukat tal-attur appellat[27] u fis-smigħ tat-12 ta' Lulju, 2018, li fiha reġa' deher biss l-avukat tal-attur appellat[28], ingħatat is-sentenza appellata[29];

22. Il-Qorti, wara li għarblet dan kollu fid-dawl tal-prinċipji li saret referenza għalihom aktar kmieni[30], kif ukoll fil-qafas ta' dak li hemm imniżżel fl-artikoli 187(1) u 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tqis li f'dan il-każ, l-attur appellat tassew naqas milli jħares bir-reqqa dak kollu li kien mitlub minnu mill-Artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti qed tasal għal din il-konklużjoni fuq is-saħħa ta' għadd ta'

---

22 Ara l-*'folder'* f'paġna 25 tal-proċess.
23 Ara t-timbri tal-marixxal John Francica, fuq wara ta' paġna 25 tal-proċess.
24 Ara l-kopja tal-gazzetta tal-gvern, f'paġna 27 tal-proċess.
25 Ara l-estratt mill-ġurnal *'L-Orizzont',* tal-jum tas-26 ta' April, 2018, f'paġna 31 tal-proċess.
26 Ara l-estratt mill-ġurnal *'The Malta Independent',* tal-jum tat-28 ta' Mejju, 2018, f'paġna 51 tal-proċess.
27 Ara l-*verbal* tas-seduta tas-27 ta' Ġunju, 2018, f'paġna 47 tal-proċess.
28 Ara l-*verbal* tas-seduta tat-12 ta' Lulju, 2018, f'paġna 52 tal-proċess.
29 F'paġni 53 sa 56 tal-proċess.
30 §§ 16 sa 17, *supra.*

konsiderazzjonijiet li ser ikunu qed jitfissru fil-paragrafi ta' wara dan;

23. Minn qari bir-reqqa tal-Artikolu 187(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, jidher biċ-ċar li l-liġi titlob li: "*[j]ekk in-notifika ma ssirx fl-ewwel tentattiv, l-uffiċjal inkarigat min-notifika għandu jagħmel żewġ tentattivi oħra biex jinnotifika l-kopja tal-iskrittura mingħajr ebda awtorizżazzjonijiet oħra mill-qorti <u>u dawn it-tentattivi għandhom isiru f'ħinijiet differenti tal-ġurnata</u> bl-aħħar tentattiv ta' notifika jsir wara l-ħinijiet ġudizzjarji".* Għalkemm li huwa veru li l-liġi ma tgħidx b'mod espress li t-tieni u t-tielet tentattivi għandhom isiru fl-istess lok li fih tkun saret l-ewwel notifika, fil-fehma tal-Qorti dan huwa impliċitu għaliex fin-nuqqas ta' hekk ma jkun jagħmel l-ebda sens li l-liġi titlob li "***t-tentattivi <u>għandhom</u> isiru f'ħinijiet differenti tal-ġurnata***". Huwa bil-wisq loġiku li kull tentattiv ta' notifika jista' jsir biss f'<u>ħin wieħed</u> tal-ġurnata, u li kieku wieħed jista' joqgħod jagħti indirizz 'ġdid' ma' kull tentattiv, dan ikun ifisser li f'kull lok ikun twettaq tentattiv f'ħin uniku tal-ġurnata, u mhux fi tliet ħinijiet differenti bħalma titlob il-liġi. Li kieku l-Qorti jkollha timxi mat-tifsira li qed jagħti l-attur appellat, u sewwasew li l-liġi ma tgħidx li għandu jkun hemm numru ta' notifiki fl-istess lok, il-Qorti tkun qiegħda xxejjen ir-rekwiżit espress li t-tentattivi tan-notifika "*għandhom isiru f'ħinijiet differenti tal-ġurnata*";

24. Kif rajna aktar kmieni, f'materji bħal dawn, il-liġi trid tiġi interpretata b'mod dejjaq u applikata b'mod strett, u għalhekk il-Qorti jidhrilha li l-aktar interpretazzjoni fejjieda u b'ħarsien mal-ispirtu tal-liġi hija dik tal-

appellant. Jekk veru li l-attur kellu x'jifhem li l-imħarrek kien qiegħed joqgħod fl-indirizz ta' Tas-Sliema, l-attur ma setax jaqbad u jieħu *'shortcut'* billi joħroġ notifika waħda fl-indirizz ta' Tas-Sliema, u dan mal-ewwel wara l-ħin legali, mingħajr biss ma pprova jwettaq żewġ tentattivi oħra ta' notifika f'dak l-indirizz, f'ħinijiet oħra differenti tal-ġurnata, u dan kif mitlub minnu bl-Artikolu 187(1) tal-Kap.12;

25. Għalkemm huwa minnu li l-appellat kien awtorizzat li jmexxi bin-notifika wara l-ħin legali u dik bil-pubblikazzjoni u affissjoni, l-appellat la seta' u lanqas ma kien qiegħed jiġi dispensat milli jħares il-proċedura mitluba fl-Artikolu 187(1) tal-Kap. 12. Huwa tabilħaqq magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li hija fir-responsabbiltà tal-attur li jieħu ħsieb li jiġi notifikat kull wieħed mill-imħarrkin[31]. Daqstant ieħor li hija fir-responsabbiltà tal-attur li jiżgura li jħares il-formalitajiet kollha li huma mitluba mil-liġi għan-notifika tal-atti ġudizzjarji, u dan anke meta jkun awtorizzat li f'każ ta' eżitu negattiv imexxi bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni[32]. Fil-fehma tal-Qorti, l-appellat ma kellu l-ebda raġuni fejjieda għalfejn qabad u ħareġ mal-ewwel notifika wara l-ħinijiet legali fl-indirizz ta' Tas-Sliema, qabel ma għamel żewġ tentattivi oħrajn fil-ħinijiet regolari tal-jum. Wara kollox, l-Ewwel Qorti awtorizzat lill-appellat li jmexxi bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni "*f'każ ta' eżitu negattiv*", u ġaladarba li l-attur

---

[31] App. Ċiv. (Inf) PS **15.1.2010**, fil-kawża fl-ismijiet ***Marsovin (Sales & Distribution) Ltd v. Vince Bellizzi***

[32] App. Ċiv. (Inf.)PS **21.2.2007**, fil-kawża fl-ismijiet ***Angele Calleja v. Philip Abela et***; u P.A PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Tonna v. Holland u Hallett Limited***

appellat ma ħariġx tliet notifiki b'ħinijiet differenti tal-ġurnata fl-indirizz ta' Tas-Sliema, kien għadu prematur għall-appellat biex jaqbad u jqis li jista' jmexxi għall-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni;

26. B'żieda ma' dak li għadu kif qiegħed jingħad, il-Qorti tqis ukoll li l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 għandu jinqara flimkien mal-Artikolu 187(1), tant li l-liġi stess tagħmilha ċara li l-proċedura taħt l-Artikolu 187(3) tista' tiġi wżata biss fil-każ ta': "***[j]ekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat minn notifika ta' skrittura jew att ġudizzjarju jinstab li*** ***l-persuna li għandha tiġi notifikata bl-iskrittura jew att, għalkemm ma tirriżultax li qiegħda barra minn Malta, id-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf***". Ġaladarba li l-appellat stess qiegħed jgħid li huwa kien qiegħed 'jinsisti' fuq l-indirizz ta' Tas-Sliema, għaliex kellu raġunijiet tajba biex jifhem li l-konvenut appellant kien qiegħed jgħix hemmhekk, kif ukoll għaliex meta saret il-pubblikazzjoni u affissjoni l-appellat kien għadu wettaq biss tentattiv wieħed f'ħin uniku tal-ġurnata fl-indirizz ta' Tas-Sliema, il-Qorti jidhrilha li fl-istadju li fih saret il-pubblikazzjoni u affissjoni f'din il-kawża, la seta' jingħad li l-post tar-residenza tal-appellant Zammit ma kienx magħruf u wisq anqas ma seta' jkun hemm xi konklużjoni li d-dħul fil-post tar-residenza ta' Tas-Sliema ma setax isir. Fiċ-ċirkustanzi, ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi sabiex setgħet issir in-notifika bil-pubblikazzjoni u

affissjoni kienu għalhekk nieqsa[33] u konsegwentement l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tqis li l-konvenut appellant kien ġie notifikat bir-rikors maħluf u bl-avviż ta' smigħ, u agħar minn hekk, li taqbad u taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ;

27. Filwaqt li dak li għadu kif qiegħed jintqal għandu jkun biżżejjed biex jintlaqa' l-appell, sabiex ikun ingħad kollox, il-Qorti jidhrilha li huwa kollu ta' xejn għall-attur appellat li jissottometti li l-avukat tal-appellant kienet taf bil-proċeduri sommarji speċjali kontra l-patroċinat tagħha, u dan qabel ma ngħatat is-sentenza appellata. Filwaqt li l-appellat ma talabx lill-avukat tiegħu biex jitla' jixhed quddiem il-Qorti dwar dan il-punt, u għalhekk dak sottomess fit-tweġiba għall-appell ma jistax jitqies bħala prova, il-Qorti tqis li, f'kull każ, l-episodju mfisser mill-appellat ma jikkonvalidax in-nuqqas ta' siwi tan-notifika, u dan għaliex huwa biss bid-dehra tal-appellant f'dawk il-proċeduri[34], jew inkella b'xi tweġiba tal-appellant fl-atti tal-kawża[35], li n-nuqqas ta' siwi tan-notifika seta' jkun rimedjat. F'dan il-każ, l-appellant la ressaq xi att ġudizzjarju qabel ma ngħatat is-sentenza appellata u wisq anqas ma deher quddiem l-ewwel Qorti, u għalhekk, anke jekk dak li qed jgħid l-appellat huwa minnu, il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' siwi tan-notifika ma jistgħux jiġu skansati;

---

[33] App. Ċiv. **29.5.1995**, fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et. v. Micallef*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.512**)
[34] App. Ċiv. **24.8.2020**, fil-kawża fl-ismijiet ***AJD Tuna Limited v. Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd et.***.
[35] App. Ċiv. **4.5.2022**, fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Ltd v. Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali et.***

28. Fl-aħħar nett u sa fejn imbagħad l-appellat qiegħed jgħid li l-appellant ressaq żewġ proċeduri li ma joqgħodux flimkien biex jattakka s-sentenza appellata, il-Qorti tqis li m'hemm xejn irritwali fil-fatt li l-appellant ressaq appell fit-terminu mogħti lilu mil-liġi, minn sentenza li ngħatat f'ċirkostanzi li fihom ma setax jitqies li kien notifikat bir-rikors maħluf u bl-avviż tas-smigħ tal-proċeduri ta' quddiem l-Ewwel Qorti. Il-kwistjoni ta' jekk l-appellant setax iniedi proċeduri ta' ritrattazzjoni fuq is-saħħa tal-Artikolu 811(b) tal-Kap. 12, u dan fl-istess waqt li huwa ressaq dan l-appell, hija ħaġa oħra li ma taffettwa xejn is-siwi ta' dan l-appell. Jekk xejn hija l-Qorti li quddiemha tressqet il-proċedura ta' ritrattazzjoni li setgħet twieġeb il-mistoqsija dwar jekk l-appellant setax iressaq dik il-proċedura u dan kontestwalment ma' din il-proċedura tal-appell. Li hu żgur huwa li f'dan il-każ, dik il-mistoqsija saret irrelevanti għaliex minn riċerka li twettqet mill-Qorti fuq is-sit tar-reġistratur tal-Qrati, il-Qorti osservat li l-proċeduri ta' ritrattazzjoni[36] li qiegħed jirreferi għalihom l-attur appellat ġew ċeduti minn Norman Zammit fl-14 ta' Novembru, 2019[37];

29. F'ċirkostanzi bħal dawn, il-Qorti ma tistax għalhekk ma ssibx li l-konvenut appellant tabilħaqq ma ġiex notifikat bl-avviż tas-smigħ u bir-rikors maħluf tal-kawża fl-ismijiet premessi kif trid il-liġi. Billi nuqqas bħal

[36] Rik. 803/2018SM – fl-ismijiet ta' *'Mark Anthony Portelli v. Norman Zammit'.*
[37] Mill-*verbal* tal-14 ta' Novembru, 2019, jidher li f'dik is-seduta l-avukat tal-appellant ippreżentat nota ta' ċessjoni u dan *"stante li hemm appell pendenti".* <https://ecourts.gov.mt/onlineservices/CivilCases/Detail/358798#>

dan iwassal għan-nullità tas-sentenza appellata[38], il-Qorti ser tkun għalhekk qed tilqa' l-appell tal-konvenut, tħassar is-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex l-appellant jitqiegħed fl-*istatus quo ante*[39];

30. Issa li ngħad dan kollu, u sabiex jitħaffu l-proċeduri u jkun evitat dewmien żejjed, il-Qorti ser tkun qiegħda tordna lill-avukat tal-konvenut appellant sabiex, fi żmien ħmistax (15)-il jum mid-data ta' din is-sentenza, iressaq fl-atti ta' din il-kawża, nota maħlufa minnu, bl-indirizz attwali tiegħu, li fih għandu jirċievi n-notifika tal-atti ta' din il-kawża;

***Decide:***

31. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-appell** tal-intimat Norman Zammit u dan billi, filwaqt li tiddikjara li l-appellant qatt ma ġie notifikat kif titlob il-liġi bir-rikors maħluf bin-numru 12/2018, **tħassar għal kollox** is-sentenza appellata fil-kawża fl-ismijiet premessi, u tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex, wara li l-istess appellant Norman Zammit ikun notifikat kif imiss bl-atti, tisma' u taqta' l-kawża mill-ġdid skond il-liġi;

---

[38] App. Ċiv. (Inf.) PS, **15.1.2010**, fil-kawża fl-ismijiet ***Marsovin (Sales & Distribution) Ltd v. Vince Belizzi***; u App. Ċiv. **30.6.2021**, fil-kawża fl-ismijiet ***Ahmed Ibro Muhiddin vs. Greenlines Environmental Services Limited et.***

[39] App. Ċiv. (Inf.) PS, **27.2.2009**, fil-kawża fl-ismijiet ***GO p.l.c. vs Mall Systems Limited***

Billi s-sentenza finali għadha trid tingħata, il-Qorti qiegħda minn issa u bis-saħħa tal-Artikolu 173(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta **tordna** lill-avukat ta' Norman Zammit sabiex, fi żmien ħmistax-il (15) jum mil-lum, tressaq nota maħlufa minn Norman Zammit li fiha għandu jiddikjara l-indirizz li fih qiegħed jgħix u li fih għandu jilqa' n-notifika tal-atti ta' din il-kawża. Il-Qorti qiegħda tordna wkoll lir-Reġistratur sabiex, mill-aktar fis, iġib din l-ordni għall-għarfien tal-avukat tal-appellant; u

**Tordna** li l-atti tal-kawża jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti biex il-kawża tkompli tinstema' quddiemha.

**L-ispejjeż kollha** qegħdin jiġu riżervati għal ġudizzju finali.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da